MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

KUMITAT PERMANENTI GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX
(*Rapport Uffiċjali u Rivedut*)

L-ERBATAX-IL PARLAMENT

Laqgħa Nru 15
It-Tnejn, 18 ta' Novembru 2024

Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan
Kamra tad-Deputati
Malta

Prezz €2.50

L-ERBATAX-IL PARLAMENT

KUMITAT PERMANENTI GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX

Laqgħa Nru 15
It-Tnejn, 18 ta' Novembru 2024

Il-Kumitat iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.43 p.m.

MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 14 li saret fis-17 ta' Ġunju 2024 ġew ikkonfermati.

INTRODUZZJONI

IĊ-CHAIRPERSON (Onor. Abigail Camilleri): Nilqa' lil kull min qed isegwina online fuq is-sit elettroniku tal-Parlament kif ukoll lil dawk it-telespettaturi li se jkunu qed isegwu x-xandira ta' dan il-Kumitat fuq l-istazzjon televiżiv tal-Parlament.

DISKUSSJONI DWAR IL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ F'GĦAWDEX

IĊ-CHAIRPERSON: B'referenza għall-aġenda li tqassmet lilkom fid-9 ta' Novembru, l-għan ta' din il-laqgħa huwa biex niddiskutu l-persuni b'diżabilità f'Għawdex. Nagħtu bidu għal dan is-suġġett billi nistieden lill-ewwel kelliema, is-Sa Bryanna Saliba mill-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem. Iżda, qabel ma tibda d-diskors tiegħek, nixtieq ngħarrafkom illi llum se niddiskutu tema verament sensittiva u importanti. Din hija tema għal qalbi ħafna għaliex għandi l-esperjenza ta' persuni familjari li jbatu minn xi forma ta' diżabilità, u naf x'jiġifieri li tgħix ma' persuni b'diżabilità. Nixtieq li jkollna diskussjoni kostruttiva u skjetta biex fejn hemm bżonn tittieħed azzjoni minnufih. Naraw ukoll li d-diskussjoni tkun 'il bogħod minn dak kollu li huwa populist u politiċizzat.

Issa nistieden lis-Sa Bryanna Saliba biex tintervjeni. Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

Il-permess ingħata.

IS-SA BRYANNA SALIBA (Kunsill Lokali, Għajnsielem): Good afternoon, Hon. Members of Parliament, distinguished guests, ladies and gentlemen. My name is Bryanna Saliba and I reside in Għajnsielem, Gozo. My twin brother Daniel and I were born 41 years ago in Canada, and both of us were diagnosed with Cerebral Palsy at birth. Our condition is caused by a lack of oxygen to the brain, something which can occur before or after birth. Both of us attended regular schools since our parents gave us a normal upbringing, just like everyone else. In 2002, the family decided to move back to Gozo in pursuit of a better life with family support, in the event that something should ever happen to our parents.

I am presently a part of the Gozo Federation for Persons with Disability, an umbrella organization of non-governmental organizations - such as Voice for Inclusion Gozo Association (VIGA), Gozo Association for the Deaf (GAD) and Fondazzjoni Arka to name a few - all of which aim towards advocating and bringing forward issues that affect the Gozo disabilities sector, whilst finding solutions in order to promote strength and improvement within this sector. Accessibility, in terms of illegal parking of

vehicles on the yellow lines and ramps, makes it a challenge for wheelchair users and others with mobility devices and parents with baby strollers to access them. The misuse of the issuance of blue badges has also become a major problem when the individual has sustained a temporary injury and once recovered he/she is still in possession of the blue badge even though it's no longer required. The implementation of legal enforcement laws must be made possible to prevent such abuses from reoccuring. Improved infrastructure must take place around certain streets in Gozo so that people with disabilities may move freely in an obstacle free environment, with level tracks allowing smooth movement, since it is difficult for us to go up and down steep ramps.

Regarding the Gozo Ferry Services I would like to say that the Nikolaus should be made wheelchair friendly for us wheelchair users to access the vessel, and that qualified personnel must be available in order to assist as needed. Moreover, personalised access for transport is essential on the island for youth and young adults of all ages with various disabilities, in order to participate fully in social activities and events around Malta and Gozo without depending on others. Involvement in representation of disabled individuals in organizations within the disability sector, as well as small businesses, be run by people with disabilities creating inclusive employment opportunities with additional support when needed, where the applicant is hired based on skills and qualifications acquired through secondary education, and not judged by disability and who they know, giving them a sense of normalcy without the need of schemes and sheltered employment. Furthermore, a director/minister must be appointed in order to duplicate disability services from Malta to Gozo ensuring professionalism and constant supervision of services and smooth running of the disability sector. We Gozitan citizens have a right to access such services as we are not to be treated as second-class citizens.

In conclusion, as I sit before all of you today, let us all work together for a better inclusive society. Thank you.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Issa nistieden lis-Sa Pauliana Said biex tintervjeni. Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

Il-permess ingħata.

IS-SA PAULIANA SAID (Chairperson, Voice for Inclusion Gozo): Waranofsinhar it-tajjeb. Jien il-Viċi President tal-Gozo Federation Persons with Disability kif ukoll iċ-Chairperson tal-Voice for Inclusion, Gozo u allura jien involuta sew f'dan il-qasam tad-diżabilità. Aħna volontiera u ħadna ftit feedback tal-ġenituri dwar il-kwistjonijiet li għandna f'Għawdex. Se nibda billi nsemmi l-kwistjonijiet li hemm fl-edukazzjoni għaliex hemm ħafna problemi f'dan il-qasam. L-ewwel nett, is-sistema edukattiva preżenti hija one size fits all. It-tfal irridu ndaħħluhom f'sistema mainstream li teżisti diġà. Irid ikun hemm individualized programme għaliex għandna problemi serji fl-iskola u kull darba li l-iskola tiftaħ il-bibien nibdew b'ħafna problemi fosthom l-ilmenti mill-ġenituri u ma nistgħu mmorru nħabbtu mkien għaliex insibu bieb magħluq.

L-individualized programmes huma stabbiliti imma filwaqt li jingħad ħafna li hemm l-inklużjoni fl-iskejjel, xorta qed isibuha diffiċli ħafna. F'ċerti każijiet fil-middle schools u fl-iskejjel sekondarji jiġu mgħallma 13-il suġġett u dawn huma ħafna, u hemm diskriminazzjoni fl-iskejjel! Jiġifieri, jekk it-tifel ikun bravu, bilfors irid jitgħallem it-13-il suġġett imma dan m'għandux ikun il-każ! Trid tara l-learning disability li jkollhom it-tfal u tiffoka fuq l-aħjar suġġetti li jistgħu jitgħallmu biex joħorġu fid-dinja tax-xogħol. Sfortunatament din ma teżistix u qegħdin nispiċċaw f'sitwazzjoni fejn meta joħorġu mill-iskola ta' 16-il sena ħajjithom tieqaf hemm bil-konsegwenza li jispiċċaw id-dar jew issa fl-ispecial unit!

Punt ieħor li se niddiskuti huwa rigward kors fl-MCAST li jgħidulu Introductory A and Introductory B, li qabel kien jissejjaħ Pathways, li għalih kienu jaċċettaw tfal b'diżabilità, u personalment mort narahom. Kien hemm tmienja minnhom li kienu qegħdin ġo kitchenette underground jiġifieri l-klassi tagħhom kienet kitchenette u qisha staff room. Għandhom ukoll washing machine ħdejn it-toilet u allura dawn huma l-life skills tagħhom. Dawn huma limitati sa tagħmir bażiku, anzi tista' tgħid li kważi m'għandhomx tagħmir u t-tfal tagħna kienu qegħdin taħt l-art! Jagħtik il-biki meta tara t-tfal l-oħra kollha fil-kurituri bid-dawl tax-xemx u fi klassijiet tal-iskola proprja u t-tfal tagħna qegħdin taħt l-art! Mis-sena l-oħra 'l hawn

għamlulhom interview, u minn dawk it-tmienja għaddew tnejn biss u aċċettawhom għall-iskola. Imbagħad kien hemm furur għaliex ġimgħa qabel l-iskola ma kinux jafu x'se jagħmlu b'dawn it-tfal għaliex in-nies jaħdmu u l-ispejjeż hemm qegħdin! Għalhekk dawn reġgħu spiċċaw fl-Ispecial Unit, l-uniku Special Unit tar-Resource Centre li għandna, imma dawn qegħdin fl-iskejjel primarji. Daħħalna tfal minn 16-il sena 'l fuq fi skola primarja biex joqogħdu fl-Ispecial Unit minflok ipprovajna nikkoltivaw il-ħiliet tagħhom jew x'jistgħu jagħmlu jiġifieri morna pass lura!

IĊ-CHAIRPERSON: Jiġifieri sar interview biex jiġu aċċettati għal dan il-kors?

IS-SA PAULIANA SAID: Iva, sar interview għall-ġenituri għal dan il-kors! Iżda minn dawk it-tmienja li semmejt qabel ġew aċċettati tnejn. Is-sitta l-oħra kellhom qalbhom maqtugħa x'se jagħmlu bit-tfal ġimgħa qabel ma tiftaħ l-iskola. Imbagħad tfaċċat problema oħra; dik li ma jaċċettawx personal assistants u ma jagħtux LSE jew learning coach, semmuhom li tridu, fl-iskejjel. Fil-fatt ġenitur minnhom kellha tħallas għal personal assistant minn butha għal sena. Tista' ġenitur tmur taħdem għal personal assistant? Imma din spiċċat marret taħdem biex tħallas il-personal assistant u allura qablilha tirriżenja u tmur magħha l-iskola. Dik hija s-sitwazzjoni li wasalna fiha!

L-istess ħaġa l-ITS. Din is-sena ressaqna proposta lill-ITS li ma taqax taħt l-edukazzjoni, però hemm kors interessanti ħafna. L-Onor. Clayton Bartolo aċċetta iżda l-fondi damu biex jaslu. Sakemm għamlu r-recruitment ta' learning coach, kien hemm studenta waħda biss! Issa rridu ngħidu li din għadha ma daħlitx għaliex għadhom għaddejjin bir-recruitment process minħabba li ma ħsibniex minn qabel għaliex l-affarijiet ma jeżistux għat-tfal tagħna. Huwa importanti li nibdew indaħħluhom f'dawn it-trades. Aħna m'għandniex trade schools u pprovajna nimplimentaw xi ħaġa l-ITS, kollox bil-volontarjat. Nipprovaw nagħmlu lobbying ma' ministru 'l hawn u ma' head of school 'l hemm. Il-proġett aċċettawh u issa qisu kulħadd abbandunana u l-ħin kollu nċempel biex nara dan ir-recruitment process meta se jispiċċa. Onestament inħossni verament diżappuntata għaliex ħarġu internal call meta ma kien hemm ħadd li applika internament, għaliex m'hemm ħadd Għawdxi jaħdem magħhom! Ħlejna tliet ġimgħat nistennew recruitment process għaliex hemm proċedura u nibqgħu b'dik il-proċedura. Tlifna tliet ġimgħat u din it-tifla għadha ma daħlitx mal-peers tagħha. Fil-fatt ninsabu ddisprati u kont staqsejt lill-Ministru Julia Farrugia dwar jekk hemmx xi funding ta' emerġenza minn fejn titħallas personal assistant biex tidħol magħha sakemm isolvu din il-problema u għadna nistennew! Għalhekk għalissa m'hemmx soluzzjoni!

Sfortunatament din hija s-sitwazzjoni li teżisti li jien ngħixha mal-ġenituri ta' kuljum. Suppost fil-Ministeru tal-Edukazzjoni hemm Dipartiment tal-Inklużjoni, imma jien għadni ma sibtux! It-tifel tiegħi ta' 11-il sena għandu l-awtiżmu, jiġifieri midħla ħafna ta' dan kollu. Ilni nikkumbatti għal dawn l-aħħar tmien snin u ma nistax insib min hu l-kap tad-dipartiment. Kull darba li nagħmel meeting jgħadduni ma' ħaddieħor. Ħadd mhu inkarigat jiġifieri ma nafx jekk jeżistix! Nixtieq insib dan id-dipartiment fejn hu u min jieħu ħsiebu biex il-ġenituri jkunu jistgħu jirrikorru għalih biex niddiskutu l-problemi.

IĊ-CHAIRPERSON: Is-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli.

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI (Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali): Inti qed titkellem fuq skola primarja jew fuq skola sekondarja? Suppost għandkom l-inclusion coordinator.

IS-SA PAULIANA SAID: Hekk hu, l-INCO.

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Dik tieħu ħsieb l-inklużjoni. Jiġifieri jekk titkellem direttament magħha għandha tiggwidak għas-servizzi li qegħdin titolbu. Hemm fid-dipartimenti jew fl-iskejjel.

IS-SA PAULIANA SAID: Naf, imma hija limitata, jiġifieri ma tantx tista' tiggwidana.

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: F'liema sens?

IS-SA PAULIANA SAID: L-ewwel nett, ma tagħtikx contact details, imma trid tgħaddi minn idejn il-Head. Kwalunkwe problema mal-Head tkun kemxejn diffiċli.

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Jiġifieri intom qegħdin titolbu servizzi fl-iskola stess jew minn barra?

IS-SA PAULIANA SAID: Le, mhux servizzi! Hemm id-Dipartiment tal-Inklużjoni imma meta jkollok problema mal-Head fejn se tmur? Fejn se tħabbat rasek? Taqta' qalbek!

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Imma problema għaliex forsi qed tgħid li l-Head mhijiex tasal għandkom?

IS-SA PAULIANA SAID: Iva, ikollok problema mal-Head jew nuqqas ta' ftehim, imma fejn se tmur? Pereżempju, jien kelli ħafna kwistjonijiet. Se ngħidlek minn dak li għaddejt minnu jien.

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Il-prinċipal.

IS-SA PAULIANA SAID: Iżżomm l-istess struttura.

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Hemm l-istruttura prinċipali.

IS-SA PAULIANA SAID: Il-ġenitur jew taqta' qalbha u toqgħod bi kwietha jew inkella tiġġieled u tipprova timbotta f'sistema li ma tistax timbotta! Nispiċċaw anke quddiem l-Ombudsman, imma mhux kulħadd jiflaħ għaliha! Ġieli anke nispiċċaw ukoll is-CRPD.

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Jiġifieri mal-INCO għaddew il-Head of School u l-prinċipal, u ma waslux?

IS-SA PAULIANA SAID: Ma wasalniex għaliex jien inkun involuta!

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Jiddependi mill-każ. Ma nkunux nistgħu nitkellmu fuq il-każ.

IS-SA PAULIANA SAID: Le, ma nistgħux nitkellmu fuq il-każ! Apparti l-INCO suppost hemm id-Dipartiment tal-Inklużjoni. Jien li naħdem anke mal-FES (Foundation for Educational Services) ngħid li hemm id-Dipartiment tal-Inklużjoni. Ġieli jiġu jagħmlu valutazzjoni tas-summer schools. Il-mistoqsija tiegħi hija din: Fl-iskejjel tax-xitwa fejn hu d-Dipartiment tal-Inklużjoni? Jopera l-INCO biss? Barra minn hekk għandna INCO tal-middle school u tas-secondary school li hija shared mal-Mellieħa li mhuwiex tajjeb.

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Naħseb li qed tirreferi għall-NSSS (National School Support Services).

IS-SA PAULIANA SAID: Nistqarr li kelli laqgħa ma' Josanne Ghirxi imma din mhijiex responsabbli għal ċerti affarijiet. Hija inkarigata biss mill-INCOs! Sibt bieb magħluq.

IĊ-CHAIRPERSON: Jiġifieri intom qed titolbu persuna ulterjuri li almenu tista' tirreferi għaliha.

IS-SA PAULIANA SAID: Lanqas! Din suppost teżisti!

IĊ-CHAIRPERSON: L-Onor. Alex Borg.

ONOR. ALEX BORG: Nixtieq nagħmel kumment għaliex se jkolli mmur għas-seduta għaliex il-Kap tal-Oppożizzjoni dalwaqt se jagħmel intervent fil-Plenarja.

L-ewwel nett, nirringrazzjakom li attendejtu. Nirringrazzja lil Sa Bryanna Saliba li niltaqgħu ħafna fil-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem. Hija ħasra li llum qegħdin fil-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex imma l-Ministru għal Għawdex mhuwiex preżenti. Inħoss li l-assenza tiegħu huwa nuqqas ta' rispett lejn l-Għawdxin u l-persuni b'diżabilità f'Għawdex. Qed naraw xi problemi jiffaċċjaw il-persuni b'diżabilità f'Għawdex u mid-dehra l-Ministru huwa aktar imħabbat bix-xogħol fantażmu tal-mara tal-Onor. Clayton Bartolo.

IĊ-CHAIRPERSON: Onor. Borg, nista' ngħidlek xi ħaġa?

ONOR. ALEX BORG: Sur President, jekk jogħġbok agħtini l-opportunità nagħmel kumment. Ma nafx x'kien il-punt li ġiet l-Onor. Alison Zerafa Civelli li m'għandha x'taqsam xejn mal-inklużjoni u mal-edukazzjoni. Kont nieħu gost kieku kien preżenti xi ħadd responsabbli mill-edukazzjoni biex inkunu nistgħu nitkellmu fuq l-inklużività fl-edukazzjoni u xi ħadd responsabbli mill-isport biex naraw kif it-tfal f'Għawdex ikunu aktar inklużivi fl-isport.

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Onor. Borg, se nirrispondik mill-ewwel peress li għedtli li m'għandix x'naqsam mal-edukazzjoni, meta l-

bażi tiegħi, il-professjoni tiegħi, hija dik tal-edukazzjoni.

ONOR. ALEX BORG: Il-bażi, mhux il-professjoni. Jien qed nistaqsi abbażi tal-Ministeru. Ejja ma noħolqux polemika! Għandna n-nies quddiemna, ejja nitkellmu ftit.

Apparti minn hekk, naf li f'Għawdex – nimmaġina bħal Malta – persuni b'diżabilità qed isibuha diffiċli meta jitilqu mill-bank tal-iskola u jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Nemmen li dan huwa settur importanti ħafna u għandna nsibu aktar għajnuna u aktar inċentivi biex ikun hemm aktar inklużività fuq il-postijiet tax-xogħol. Inħobb nara li persuni bħas-Sa Bryanna Saliba qed tħossha inkluża ħafna fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem. Kburi li għandna persuna bħalha fil-kunsilli lokali tagħna. Naf li dan huwa d-dipartiment tiegħek u nirringrazzjak li tagħti l-appoġġ lil persuni bħas-Sa Bryanna Saliba u ħafna oħrajn li jidħlu fil-kunsill lokali. Però nemmen li għandna nagħmlu ħafna aktar, speċjalment fil-qasam tal-edukazzjoni għaliex inħoss li llum għadu one size fits all. Kif diġà għedt fid-diskors tiegħi tal-Baġit, is-sistema edukattiva tagħna xorta għadha ma tagħtix biżżejjed spazju lill-persuni b'diżabilità, speċjalment lil żgħażagħ b'diżabilità biex iħossuhom inklużi bħal ħaddieħor, bħaż-żgħażagħ sħabhom. Nemmen li baqgħalna ħafna x'nagħmlu! Bla dubju ta' xejn li sar ġid però baqa' ħafna aktar xi jsir!

Kif qalet is-Sa Bryanna Saliba, nemmen li l-mod kif hemm ċertu sparpaljar ta' blue badge stickers u kif qed nagħmlu l-pjan lokali, pereżempju hekk kif niġu għall-bankini, qed iwassal għal nuqqas ta' aċċess għall-persuni b'diżabilità f'Għawdex u dan juri nuqqas ta' pjan serju u ċar ta' fejn irridu nimxu meta niġu għall-inklużività. Dan jagħti lok li tistqarr kemm hu xieraq il-qawl Malti f'dan il-kontest: Bejn il-kliem u l-fatti hemm baħar jikkumbatti. Nirringrazzjakom.

IĊ-CHAIRPERSON: Onor. Alex Borg, nixtieq niġbidlek l-attenzjoni għal dak li għedt rigward il-fatt li għad hemm aktar xi jsir. Filwaqt li naqbel miegħek, jekk tagħti titwila sew lejn l-Istrateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni 2024-2030 li qed tiġi proposta ssib li waħda mill-proposti hija li nerġgħu nirrevedu dan il-fattur li l-edukazzjoni hija one size fits all.

Rigward il-Ministru Clint Camilleri rrid ngħid li dan ma setax ikun preżenti għal din il-laqgħa. Naħseb li l-Ministru Clint Camilleri kellu impenji oħrajn, kif ikollok int, u ma setax jattendi. Inżid ukoll li ma kellu x'jaqsam xejn ma' dak li għedt inti.

Qabel nagħlaq irrid ngħid li jien mhux qed ngħid dan biex niddefendi lil xi ħadd. Però jekk wieħed ma jkunx preżenti biex jirrispondi, jien bħala Chairperson nemmen li jekk dan ikun informani li nqalgħulu xi affarijiet, għandi kull dritt li nirrispondi u ngħidlek x'iriċevejt.

Issa nistieden lis-Sur Oliver Scicluna biex jintervjeni. Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

Il-permess ingħata.

IS-SUR OLIVER SCICLUNA (CEO, Aġenzija Sapport): Wieħed mill-punti li għamlet is-Sa Pauliana Said huwa dak dwar il-personal assistants. Aħna bħala aġenzija għaddejjin b'riforma, kif jafu wkoll l-MFOPD (Malta Federation of Organisations Persons with Disability), is-CRPD (Commission for the Rights of Persons with Disabilities) kif ukoll id-DDI (Directory for Disability Issues). Hemm riforma dwar l-assistenza personali li qed tibda tiġi implimentata fl-ewwel kwart tas-sena 2025. Bħalissa qegħdin isiru l-preparamenti però l-implimentazzjoni qiegħda hemmhekk.

Rigward il-proviżjoni ta' personal assistant fi skola rrid ngħid li l-aġenzija m'għandhiex dawn ir-riżorsi. Huwa importanti wkoll li ma nħalltux l-affarijiet, jiġifieri Learning Support Educator ma tistax tagħmlu personal assistant. Irridu nżommu f'moħħna li Learning Support Educator hija a warranted professional mentri personal assistant s'issa hija professjoni li ma teħtieġx warrant. Forsi 'l quddiem tiġi wkoll, imma dik hija dibattibbli u għad ikun hemm diskussjoni dwarha. Però nemmen li bħala prinċipju għandu jkun hemm assistenza lill-persuna b'diżabilità biex tkun tista' tkompli l-iskola! Kif taf Pauliana, jien fil-kapaċità tiegħi ta' CEO ukoll opponejt id-direzzjoni ta' bord sabiex rajna li tfajla partikolari jkollha personal assistant, għaliex jien ma nistax inpoġġi rasi fuq l-imħadda billejl bl-għarfien li jaf ikun hemm tfajla jew ġuvni li ma jkollhomx din il-possibbiltà għaliex bord ikun iddeċieda hekk. Nimxi bil-prinċipju tad-dritt tal-persuna!

Rigward il-punt li qajjem l-Onor. Alex Borg dwar il-ħruġ tal-blues badges, nista' nassigura lil kulħadd li dawn ma joħorġux bl-addoċċ! Jiġifieri jekk nipprovaw ngħidu li dawn joħorġu bl-addoċċ inkunu qed niddiżrispettaw il-professjonisti li jagħmlu l-assessment. Il-professjonisti li jagħmlu l-assessment ma jiġux magħżulin minna iżda noħorġu expression of interest. B'hekk japplikaw it-tobba u dawn lanqas biss inkellimhom u lanqas naf min huma. Għalhekk il-blue badges joħorġu strettament skont l-assessment tal-persuna. Jekk inħarsu lejn l-istatistiċi nindunaw ukoll li l-blue badges ma sparawx 'il fuq jew naqsu, iżda baqgħu fl-istess ilma għar-raġuni li jkun hemm nies li jkunu ġew neqsin u oħrajn li jkunu applikaw, jiġifieri hemm ċiklu. Fuq hekk, nista' nassigura lil kulħadd li huwa d-dmir tiegħi - u d-dritt tiegħi bħala persuna b'diżabilità u blue badge holder - li jien l-ewwel wieħed ma niġix f'pożizzjoni skomda għaliex xi ħadd ikun deherlu li toħroġlu blue badge bl-addoċċ, imbagħad nispiċċa nbati l-konsegwenza jien. Kif ma rridx inbati l-konsegwenzi jien, lanqas irrid lil sħabi l-oħra b'diżabilità jbatu dawk il-konsegwenzi. Dawk huma ż-żewġ punti li nixtieq nagħmel!

IĊ-CHAIRPERSON: Is-Sa Pauliana Said.

IS-SA PAULIANA SAID: Is-suġġett rigward changes in education mhux qed jiġi diskuss mal-istakeholders speċjalment mal-NGOs. Qed jiġi implimentat mingħajr diskussjoni mal-NGOs. Ġejna daharna mal-ħajt meta l-alternative paper kienet qed tinqata' mingħajr ma konna nafu. Fl-aħħar mill-aħħar din kienet qed tgħin lit-tfal.

Indunajna wkoll li meta jsir l-assessment tal-global marking lit-tfal b'diżabilità li jiġu eżentati minn parti mill-eżami, mhux qed toħroġ il-global mark. Din iffaċċjajtha jien għaliex hemm problema fis-software u għadhom ma ħadux ħsieb! B'konsegwenza t'hekk, f'għajnejn l-iskejjel it-tifel tiegħi qisu m'għamilx eżami, meta fil-fatt għamel l-eżami imma ġie eżentat minn parti żgħira tal-eżami! Jafu bil-problema.

Rigward l-SCDP (Sport Career Development Programme) irrid ngħid li dan kien ġie introdott xi sentejn jew tliet snin ilu, jekk m'inix sejra żball, u dan jirrigwarda l-iskola tal-għawm. Morna għall-provi imma ma jsirux adaptations fl-istess provi, jiġifieri tkun qed teskludi bil-pulit lit-tfal b'diżabilità. Din ma naċċettahiex! Jekk hemm għażla, għandu jkun hemm waħda għal kulħadd jew inkella ma nintroduċux programmi li ma jiġux addattati għat-tfal b'diżabilità!

IĊ-CHAIRPERSON: Skużani se ninterrompik. Jiġifieri int qed tgħid li l-SCDP mhux qed jiġi addattat għall-persuni b'diżabilità.

IS-SA PAULIANA SAID: Ma jagħmlux adaptations imma jagħmlu l-istess prova bħal tfal oħra. Kulħadd jaf li meta tkun ġo pixxina l-kliem jidwi, u allura f'dawk iċ-ċirkostanzi trid tinżel ħdejn it-tifel u mhux toqgħod tagħtih l-istruzzjonijiet barra l-pixxina! Dawn ma jinżlux fil-baħar imma jagħtu l-istruzzjonijiet minn fuq, it-tfal iparlaw bil-konsegwenza li jkun hemm ħafna interruzzjonijiet fis-sound, pereżempju, u t-tifel ma jifhimx xi jkun qed jiġri.

Issa se nitkellem ftit rigward il-Vocational Education and Training (VET) subjects fl-iskola sekondarja. Huwa importanti li nerġgħu nintroduċu t-trade schools. Dawn il-VET subjects suppost huma parti mis-sistema edukattiva ta' technical subjects. Tant fihom teorija u ftit prattika li ma jiswewx għat-tfal tagħna. Għalhekk f'każ li joħorġu mill-iskola ta' 16-il sena nixtiequ nderruhom xi trade biex kemm jista' jkun it-tfal ikunu indipendenti. Jien hekk nemmen! Ma nemmnux fil-homes! Sheltered employment huwa tajjeb ukoll, imma nixtiequ nagħtuhom il-potenzjal li joħorġu fid-dinja tax-xogħol; ix-xogħol li jogħġob lilhom! Nara ħafna tfal b'diżabilità, li llum huma adulti, li huma mdejqin fejn qegħdin! Kulħadd għandu d-dritt jagħżel xogħlu, imma rridu nagħtuhom l-opportunità billi nagħmlu dawn il-korsijiet! Jiġifieri, irid ikun hemm sistema! Naf li huwa diffiċli, imma fl-edukazzjoni hemm bżonn sistema radikali! Għalhekk semmejt id-Dipartiment tal-Inklużjoni għaliex suppost diġà teżisti l-faċilità li tkun tista' ċċempel u tiġi ggwidata dwar x'suppost isir u ma jsirx. Sadattant ma jkunx hemm, u allura ssib ruħek f'salib it-toroq għaliex imbagħad kienu waqqfuna għax konna qed nitkellmu.

Problema oħra hija li meta nkunu rridu nużaw il-ground jew xi sala tal-iskola, jitolbuna donazzjoni. Issa jien mhux qed immur nagħmel xi sessjonijiet taż-zumba iżda qed noffri servizz lil tfal b'diżabilità u dan qed nagħmlu minn ħini. Nagħmlu ħafna attivitajiet wara l-ħin tal-iskola, imma kif għedt, qed jitolbuna d-donazzjoni!

Apparti minn hekk, madwar sena jew sena u nofs ilu tlabt lill-Ministeru għal Għawdex biex

jibdlilna t-turf ta' skola partikolari għax narawh addattat għal tfal b'diżabilità. Dan qiegħed fl-iskola u mhux barra fit-triq iżda għadhom ma biddluhx. Issa dan it-turf kemm jista' jiswa? Forsi €3,000? Però mhux qed jagħtu kas tagħna!

Punt żgħir li nixtieq nagħmel huwa rigward l-Ispecial Olympics. Ilna fuq tliet snin niġru wara l-Ispecial Olympics; nibagħtilhom email, u lanqas laqgħa għadni ma ngħatajt wara tliet snin. Fil-fatt nibagħtilhom emails b'mod kontinwu imma bqajt mingħajr tweġiba!

Nixtieq ngħid xi ħaġa fuq il-Ministeru għal Għawdex. Nixtieq li jinħoloq Ministerial Committee biex jekk, pereżempju, ikun hemm baġit allokat, inwettqu xi ħaġa li tkun ta' sostenn għat-tfal b'diżabilità. Jien ipprovajt navviċina lill-Project Green u lill-Ministru Miriam Dalli biex tagħmlilna obstacle course għaliex jien jogħġobni ħafna dak ta' Malta. Ġejna nipprovawh xi darba jew tnejn, imma ma nistgħux nivvjaġġaw kull ġimgħa għall-obstacle course. Il-Ministru Miriam Dalli kienet qaltli li rridu nitkellmu mal-Ministeru t'Għawdex, iżda sibna ruħna weqfin. Ma nistgħu nagħmlu xejn jekk ma mmorrux direttament għand il-Ministeru għal Għawdex!

Hawnhekk irrid nieħu l-opportunità biex inqajjem il-punt rigward l-isfidi tad-double insularity, għaliex għandna tfal li qegħdin jiġu għat-terapiji ġewwa Malta imma sfortunatament dan jinvolvi l-ivvjaġġar, bil-konsegwenza li jittieħed il-leave u jkunu dovuti jħallsu minn buthom in-noll tal-ferry. Inħoss li huwa fid-dover tiegħi li lkoll kemm aħna nroddu ħajr lill-Aġenzija Sapport talli għaddewlna l-post għall-iżvilupp ta' kliniċi sabiex it-terapisti jagħtu servizz ġewwa Għawdex. Sfortunatament il-fondi għadhom limitati għaliex għadna ma ngħatajniex il-flus, u għalhekk qegħdin nipprovaw insibu l-mezzi sabiex niksbu l-fondi. Nisperaw li nsolvu l-problema tal-ivvjaġġar ħalli dawn ma jkollhomx għalfejn jinżlu Malta.

Sfortunatament hemm problema kbira ta' aċċessibilità fl-iskejjel. Se nibda b'każ partikolari relatata ma' sitwazzjoni ġewwa skola tas-Sixth Form fejn hemm studenta li għandha PA u LSE imma m'hemmx kamra tal-banju attrezzata għal nies b'diżabilità ġewwa din l-iskola. M'hemmx kamra tal-banju waħda wheelchair accessible imma ta' min jgħid li din qiegħda tiġi mibnija bħalissa! Dan in-nuqqas ma kellux jiġi indirizzat issa, speċjalment meta kienu jafu li t-tifla se tattendi din is-Sixth Form. Iżda, anke li kieku ma kinux jafu, suppost kellha ssir kamra tal-banju apposta għat-tfal b'diżabilità. Kif għedt, din qed issir issa jiġifieri bħalissa għad hemm il-problemi!

Inħoss il-ħtieġa li nsemmi wkoll l-iskola l-ġdida tar-Rabat għaliex tqiegħed flower pot tal-ġebel quddiem ir-rampa u lanqas pushchair ma seta' jgħaddi, u din hija pastażata! Ma kontx f'pożizzjoni li nieħu ritratt ta' din iċ-ċirkostanza biex nurikom! Il-konsegwenza ta' dan kollu hija li mhux biss pushchair ma jista' jgħaddi imma lanqas wheelchair! Ma nafx min jagħmilhom dawn il-pjanijiet imma din għadha ġdida fjamanta! Din hija xi ħaġa magħmula bla ħsieb u nistqarr li rajt omm tipprova tgħaddi bil-pushchair iżda ma setgħetx! Ma nafx jekk din hijiex tad-daħk jew tal-biki!

Irrid inqajjem ukoll il-punt li m'hemmx adaptive sports ġewwa Għawdex. Tajjeb li ngħidu li aħna qegħdin nipprovaw nagħmlu Sport in Gozo minħabba li l-Ispecial Olympics ma jridx ikun involut magħna. Qegħdin nieħdu €5,000 mill-Gozo VO Scheme imma nixtiequ aktar sapport, kemm għall-ground kif ukoll bħala flus. Aħna għandna l-coaches u l-assistant coaches iżda rridu nżommu f'moħħna li dan mhuwiex sport normali bħalma jipprattikaw tfal oħrajn. Pereżempju, jekk għandna ħamest itfal irid ikollna assistant coach li jkun maqsum 1:2, skont is-severità tal-każ, biex kulħadd ikun jista' jiġi inkluż fl-isport. Din hija importanti ħafna għalina u nixtiequ nsibu aktar sapport.

Irrid nagħti ħarsa wkoll lejn l-amministrazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex biex ikun jista' jingħata servizz fil-pixxina nazzjonali l-ġdida. Qiegħed jingħad li s'issa ħadd ma jaf xejn. Tkun ix-xewqa tiegħi li jkollna slot biex iż-żewġ swimming instructors li għandna jkunu jistgħu jagħtu servizz anke fil-pixxina nazzjonali.

Issa nixtieq ngħaddi għas-suġġett li jirrigwarda t-trasport li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għat-Trasport. Xi ħaġa importanti hija li jkun hemm display tal-waqfiet għal min ibati b'xi forma ta' nuqqas ta' smigħ biex min ikun nieqes mis-smigħ xorta jkun jista' juża t-trasport. Dan għandu jsir ukoll fiċ-ċentri tas-saħħa. Naħseb li dawn suppost qegħdin hemm imma mhux qed ikunu mixgħula. Dan kollu huwa essenzjali wkoll għal min huwa nieqes mid-dawl

speċjalment dawk li jirkbu l-karozzi tal-linja għaliex dawn ukoll iridu jħejju ruħhom għall-waqfa li jkun imiss. Naħseb li hemm raġuni għaliex dawn qegħdin jintfew u dawn in-nies m'għandhomx joqogħdu jistaqsu lil xi ħadd. (Interruzzjonijiet) Dawn jeżistu barra minn Malta u jintużaw il-ħin kollu. Almenu lili hekk irrapportawli.

Hemm ukoll il-kwistjoni tal-bus shelters li jidhru li sparixxew minn Għawdex. Donnu li l-bankijiet biss jeżistu jiġifieri trid toqgħod għax-xita u għax-xemx mingħajr ilqugħ ta' xejn. L-aktar ħaġa importanti f'dawn il-bus shelters hija li kellhom il-ħinijiet stipulati mqiegħdin sabiex jindikaw meta għandha tgħaddi l-karozza tal-linja. Sistema bħal din kienet tibbenefika lil min hu nieqes mid-dawl għaliex kif qaluli kienet tgħinhom ħafna. Issa donnu li m'għadhomx jagħmlu dawk il-bus shelters tal-ħġieġ, u naħseb li r-raġuni hija għaliex jinvolvu ħafna maintenance. Però mill-banda l-oħra trid tara x'jgħodd għan-nies.

Nixtieq nagħmel referenza żgħira għall-qasam tas-saħħa u l-ftuħ temporanju tal-bini tas-CDAU (Child Development Assessment Unit). Nispera li meta tiftaħ il-binja l-ġdida ma tkunx segregata iżda tkun ċentru li jieħu ħsieb il-ħtiġijiet kollha, għal kull tip ta' tfal. Aħna ma rridux nissegregaw lit-tfal b'diżabilità.

Kif għedt, iċ-ċentri tas-saħħa wkoll suppost ikollhom monitors sabiex juru min ikun imissu fil-kju. Importanti li l-istaff u t-tobba jkunu mħarrġin u jirrikonoxxu kull diżabilità tat-tfal għaliex ħafna minnhom ma jafux kif jieħdu ħsieb it-tfal. Fil-fatt ikun hemm ħafna każijiet li jispiċċaw ma jeħdux is-servizz li jkollhom bżonn.

Punt ieħor li nixtieq niddiskuti huwa rigward investiment fir-riżorsi tat-terapisti għaliex naraw nuqqas kbir f'din l-isfera. Fil-fatt imbottajna ħafna fuq dak li jikkonċerna s-CDAU għaliex verament kien qed ikollna riżorsi limitati speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' spazju fl-isptar. Issa din suppost għandha tiġi solvuta. Għandna problema bil-parkeġġ fis-CDAU temporanja, xi ħaġa li diġà jafu biha. Aħna lkoll nafu li s-CDAU għamluha fiċ-ċentru tar-Rabat u kif għedt, hemm problema kbira ta' parkeġġ. Aħna m'aħniex se nqiegħdu lit-tfal f'kaxxi, noħorġuhom barra mill-karozza u mmorru nipparkjaw xi mkien ieħor. Hemm bżonn pjan adegwat fejn il-ġenitur jipparkja, iwassal lit-tfal, joqgħod magħhom u jerġa' joħroġ.

Semmewli wkoll li għandhom problema tal-grommets, però nixtieq li din tiġi diskussa mal-Gozo Association for the Deaf li llum ma setgħux ikunu preżenti magħna. Iżda, nixtieq - jekk ikun possibbli – li darb'oħra l-persuna responsabbli minn din l-assoċjazzjoni tkellimkom dwarha. Grazzi.

IĊ-CHAIRPERSON: Nixtieq inżid xi ħaġa ma' dak li għadu kif ingħad s'issa. Jien irċevejt żewġ emails indirizzati lili bħala ċ-Chairperson tal-Kumitat minn żewġ familji Għawdxin li għandhom it-tfal tagħhom bi bżonnijiet speċjali. Jien se niġbdilkom l-attenzjoni għall-punti ewlenin f'dawn l-emails. Omm minnhom kitbet tesprimi t-tħassib tagħha minħabba adoloxxenti li huma b'diżabilità kif ukoll dwar l-opportunitajiet edukattivi limitati jew ineżistenti għall-istudenti b'diżabilità minn 16-il sena 'l fuq. Fil-fatt studenti b'diżabilità huma kostretti li jibqgħu d-dar wara l-età ta' 16-il sena għaliex l-opportunitajiet edukattivi adegwati għalihom huma ineżistenti. Għalhekk ngħidilkom li jeħtieġ li jinħoloq programm edukattiv apposta għall-bżonnijiet ta' studenti li jixtiequ jkomplu jitgħallmu, iżda dawn għandhom bżonn sapport u korsijiet addattati. Il-problema ta' nuqqas ta' opportunitajiet huwa piż ukoll fuq dawn il-ġenituri li qed isibuha diffiċli biex isibu bilanċ bejn il-ħajja tal-familja u l-ħajja tax-xogħol, jew saħansitra jkunu kostretti li jibqgħu d-dar sabiex jieħdu ħsieb lil uliedhom minflok imorru għax-xogħol. Lil din l-omm kellimtha, u huwa minnu li qed issib ħafna diffikultajiet. Fil-fatt żibditli l-attenzjoni għal paragrafu fid-dokument *National Educational Strategy 2024-2030,* fejn jingħad hekk:

"The third pillar revolves around Equity and Inclusion as the Ministry strongly believes that a fair and just education system ensures all students have an equal access to success. For this reason, the third pillar aims at reducing disparities and inequalities, whereby each child feels a sense of belonging and is provided with appropriate opportunities."

Min-naħa tiegħi bħala Chairperson ta' dan il-Kumitat se nwassal is-suġġerimenti kollha fuq l-edukazzjoni sabiex nara li dawn jiġu kkonsidrati waqt li tkun qed issir din il-konsultazzjoni dwar l-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni. Dan kollu għandu jsir għaliex nemmen li jekk verament irridu nimxu 'l quddiem, huwa l-obbligu tiegħi li nwassal il-vuċi tagħkom. Apparti

minn hekk, jekk se nagħmlu xi ħaġa għall-futur hemm bżonn li nwettquha b'mod serju u b'mod strutturat.

Kif semmejt qabel, irċevejt email oħra mingħand omm u missier rigward il-one tablet per child li nagħtu fl-iskola primarja. F'dan il-każ, it-tifel għandu tablet biex jikkomunika u tablet ieħor biex jaħdem ix-xogħol tal-iskola. Naf li qegħdin in line sabiex it-tablets jitqassmu fl-iskejjel sekondarji, iżda dan it-tifel inqabad b'tali mod li hu għadda għall-iskola sekondarja, ħadulu dan it-tablet u ma kellhomx il-mezzi biex jagħtuh it-tablet lura. B'hekk kien hemm nuqqas ta' kontinwazzjoni u l-ġenituri kellhom jixtruhulu huma. Min-naħa tiegħi nissuġġerixxi li almenu l-persuni bi bżonnijiet speċjali jitħallielhom it-tablet bħala kontinwazzjoni fl-iskejjel sekondarji għax dawn ikunu dipendenti fuqu.

Wasalli wkoll ilment, kif semmiet tant tajjeb is-Sa Pauliana Said, li tneħħew l-adaptations waqt l-eżamijiet. Sfortunatament, għaliex dan it-tifel juża t-tablet, se jsibha verament diffiċli biex jagħmel l-eżamijiet. Intqal ukoll lil dawn il-ġenituri li hemm bżonn ħafna flus biex isiru l-adaptations, jiġifieri l-verżjoni diġitali tal-karta tal-eżami, imma jien personalment nemmen li dawn m'għandhomx jiswew ħafna flus. Dan għaliex illum għandek il-mezzi sabiex il-karti tal-eżamijiet joħorġu bħala Word Document, u inti tista' sempliċement tagħmel upload minn fuq laptop. Jien min-naħa tiegħi se nwassal is-suġġeriment għaliex qed jinħass sentiment qawwi kontra t-tneħħija tal-adaptations, imbagħad jingħata l-ħin addizzjonali lit-tfal fis-SEC u l-MATSEC.

Din l-istess familja li bagħtet l-email semmietli wkoll l-Ispecial Olympics, fejn ġie tqajjem il-punt, u nikkwota:

"Children with disabilities that attend Special Olympics also have the opportunity to be seen (Malta) by a medical unit that monitors their physical progress. Gozitans are not given this opportunity and he is asking why."

Nixtieq niġbed l-attenzjoni wkoll għal dak il-punt li qajmet aktar kmieni is-Sa Pauliana Said għaliex għandna bżonn aktar servizzi ġewwa Għawdex. Il-ġenituri kitbu sabiex jesprimu t-tħassib tagħhom dwar il-fatt li dawn it-tfal minn 16-il sena 'l fuq m'għandhomx fejn jistgħu jkomplu l-istudji tagħhom. Kulma jridu l-ġenituri ta' dawn it-tfal hu li uliedhom jingħataw korsijiet ta' skills li permezz tagħhom ikunu jistgħu jgħinuhom biex jintegraw fid-dinja tax-xogħol.

Nixtieq inqajjem punt ieħor rigward telefonata li kelli l-ġimgħa li għaddiet dwar il-ħafna persuni b'diżabilità li qed isibu problema biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol u jiġu aċċettati fid-dinja tax-xogħol. Nemmen ukoll li għandna noħolqu aktar għarfien dwar il-persuni b'diżabilità sabiex ikollna aktar aċċettazzjoni min-naħa tas-soċjetà dwarhom, għaliex jekk verament irridu naraw kambjament, huwa tajjeb li nagħmlu policies u huwa tajjeb li nibdlu però dan irid jiġi minn kull wieħed u waħda minna.
Issa nistieden lis-Sa Marthese Mugliett biex tintervjeni. Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

Il-permess ingħata.

IS-SA MARTHESE MUGLIETT (President, Malta Federation of Organisations Persons with Disability): Nirringrazzjak. Nibda billi ngħid li l-motto "Xejn Dwarna Mingħajrna" jiddependi fuq il-prinċipji ta' parteċipazzjoni iżda l-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità u l-NGOs relatat ma' dak kollu li jirrigwardahom hija nieqsa, biex ma ngħidx li lanqas tinħass. Huwa fatt li fuq il-Gozo Regional Committee, li huwa l-Kumitat Konsultattiv fi ħdan il-Malta Council for Economic and Social Development (MCESD), m'hemmx rappreżentanza ta' persuni b'diżabilità u l-NGOs tagħhom. Sfortunatament, għalkemm issir referenza għall-persuni b'diżabilità waqt dawn il-laqgħat, dan ma jfissirx li l-ħtiġijiet tagħhom huma mifhuma jew aktar minn hekk, qed jingħataw importanza.

Nemmen li minbarra li dan il-Kumitat għandu bżonn li jilqa' fih immedjatament rappreżentanza tal-persuni b'diżabilità u l-għaqdiet tagħhom, nixtieq nagħmel suġġeriment kif Għawdex jista' jsir aħjar u ma nkomplux nagħmlu ħsara lin-nies u lill-ambjent. Nissuġġerixxi li gżira tant żgħira b'Ministru wieħed għandu jkollha Ministerial Advisory Committee magħmul minn persuni, mhux biss mis-Settur Pubbliku, u inkluż fih ikun hemm persuni b'diżabilità u l-NGOs tagħhom. L-għan ta' dan il-Ministerial Advisory Committee jkun biex jagħti pariri fuq kwistjonijiet differenti. Id-diżabilità mhijiex a stand-alone issue u għalhekk hija importanti r-rappreżentanza tal-persuni b'diżabilità u l-NGOs tagħhom fuq kumitat ta' din ix-xorta. Jekk aħna verament nemmnu fil-persuni b'diżabilità, din suppost

għandha tkun it-triq ’il quddiem u li dan il-Kumitat ikun taħt it-tmexxija tal-Ministru, għaliex il-verità hi li l-persuni b’diżabilità f’Għawdex qegħdin ikunu mċaħħdin mill-vuċi u mill-parteċipazzjoni tagħhom madwar il-mejda fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet. Ta’ min jgħid li bħalissa d-deċiżjonijiet, fil-maġġoranza tagħhom, qegħdin iħallu impatt negattiv fuq il-persuni b’diżabilità. Fil-fatt il-punti li tqajmu mill-kelliema ta’ qabel huma xhieda ta’ din is-sitwazzjoni. Sfortunatament m’aħniex se nimxu ’l quddiem mingħajr il-parteċipazzjoni tal-persuni b’diżabilità kif ukoll tal-NGOs .

IĊ-CHAIRPERSON: Nixtieq nagħmel mistoqsija bit-tama li forsi xi ħadd minnkom preżenti jista’ jirrispondini. Kemm hemm persuni b’diżabilità fil-gżira Għawdxija?

IS-SUR OLIVER SCICLUNA: Nixtieq inwieġeb il-mistoqsija tiegħek. Skont l-informazzjoni li għandi, se nagħti risposta bbażata fuq dawk li huma reġistrati li għandhom l-EU Disability Card. Mhux se jkollok statistika preċiża, però normalment min jirreġistra jkunu nies li jeħtieġu xi servizz. Persuni b’diżabilità f’Għawdex hemm 3,072 li huma reġistrati, u jekk tfittex fid-data ssib li 2,280 minnhom huma tal-età ta’ ’l fuq minn 60 sena. Bejn wieħed u ieħor, il-maġġoranza ta’ dawn il-persuni reġistrati japplikaw għas-servizz tal-blue badge jew għas-servizz tan-nappies, jew inkella minħabba l-empowerment, biex insemmi ftit mill-bosta servizzi. Biex nerġa’ lura għaċ-ċifra li semmejt aktar kmieni, hemm numru minnhom li mhumiex Għawdxin.

IĊ-CHAIRPERSON: Meta qed tgħid li din mhijiex statistika preċiża, dan għaliex it-tfal ma jkunux reġistrati?

IS-SUR OLIVER SCICLUNA: It-tfal li huma reġistrati u li huma iżgħar minn 16-il sena jammontaw għal 140 jiġifieri dan huwa numru żgħir.

IS-SA PAULIANA SAID: Ma jistax ikun! Ikun hemm min ikun għadu qed jiġi statemented jew min ikun qed jiġi aċċettat. Jiġifieri dawk li jkunu fl-iskejjel primarji ....

IS-SUR OLIVER SCICLUNA: Nista’ ngħaddi punt li jikkonverġi ma’ tiegħek. Meta nqabblu s-sitwazzjoni f’Għawdex mas-sitwazzjoni f’Malta nsibu li l-Għawdxin għandhom tendenza jersqu ’l quddiem ħafna iżjed tard mill-Maltin jiġifieri l-Għawdxin jitolbu l-għajnuna ħafna iżjed tard mill-Maltin. Dik hija x-xejra tal-Għawdxin. Din hija xi ħaġa li rridu nistudjaw u li fl-aħħar mill-aħħar nifhmu għalfejn.

IĊ-CHAIRPERSON: Meta tgħid li hemm ħafna li għandhom ’il fuq minn 60 sena li għandhom xi forma ta’ diżabilità, ir-raġuni hija li dawn ikunu ilhom bid-diżabilità minn età żgħira jew inkella għaliex id-diżabilita toriġina minħabba l-età?

IS-SUR OLIVER SCICLUNA: Il-maġġor parti toriġina minħabba l-età jiġifieri tkun acquired disability. Fil-fatt ħafna minn dawn il-każijiet ikunu xi forma ta’ physical disability. Għalhekk, nerġa’ nagħmel referenza għall-punt ta’ qabel u ngħid li 99.9% ikunu se japplikaw jew jirreġistraw għall-Empowerment Scheme biex jixtru xi apparat bħal hearing aids, jew inkella għall-blue badge jew parkeġġ, eċċ. Jiġifieri ħafna minn dawn il-każijiet ikunu riżultat ta’ acquired disability.

IS-SA PAULIANA SAID: Jekk tippermettili, l-iskejjel għandhom din l-informazzjoni dwar kull min hu statemented, imma ma jfissirx li dawn ikollhom l-EU Disability Card f’idejhom. B’hekk ma jkunux fl-istatistika li qed jitkellem dwarha s-Sur Scicluna.

IĊ-CHAIRPERSON: Imma hemm bżonn statistika?

IS-SA PAULIANA SAID: Għandna bżonn statistika li trid tinġabar mill-Education imma din trid tkun skont ir-regolamenti tad-Data Protection.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Issa nistieden lil Dr Alistair De Gaetano biex jintervjeni. Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

Il-permess ingħata.

DR ALISTAIR DE GAETANO (Amministratur għad-Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità – Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat): Jien nixtieq insemmi xi punti min-naħa tal-Ministeru. L-ewwel nett, nixtieq nirringrazzja liċ-Chairperson, lill-Membri ta’ dan il-Kumitat kif ukoll lil kull min ikkontribwixxa s’issa. M’inix se nitkellem fit-tul imma se nsemmi biss dak li għamilna matul dawn l-aħħar ġimgħat bħala direttorat. Jien,

flimkien mal-kollegi tiegħi preżenti hawnhekk, nirrappreżenta lid-Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità li huwa l-focal point fuq id-diżabilità fil-Ministeru tal-Inklużjoni. Aħna nagħmlu parti mill-Policy Unit li twaqqaf bil-liġi lura fis-sena 2021. Ovvjament, saru sforzi sabiex l-istrutturi bażiċi ta' dan il-Unit jibdew jiffunzjonaw imma fost il-ħafna affarijiet li rridu nwettqu hija li nagħtu attenzjoni lil Għawdex, għaliex huwa punt kruċjali fl-istrateġija nazzjonali. Ta' min isemmi li hemm numru ta' servizzi li jingħataw ġewwa Għawdex, pereżempju mill-Aġenzija Sapport, u għalhekk nixtieq li s-CEO jagħmel intervent fuq xi affarijiet. Il-mistoqsija hija: Kif se naraw li Għawdex ma jkunx minsi u kif se jkun inkluż?

Ftit tal-ġimgħat ilu konna ltqajna ma' rappreżentanti tal-komunità tad-diżabilità f'Għawdex fejn kien hemm is-Sa Pauliana Said, is-Sa Bryanna Saliba u xi nies oħrajn. Punt li ġie mqajjem f'din il-laqgħa kien dwar il-koordinazzjoni interministerjali. Aħna, permezz tad-Direttur tagħna preżenti hawnhekk, – u ta' dan nirringrazzjah – diġà qajjimna dan il-punt kemm mas-Segretarju Permanenti kif ukoll mal-Ministru. Diġà ngħatat direzzjoni u qegħdin jitkellmu bejniethom iż-żewġ Segretarji Permanenti. Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lis-Segretarju Permanenti tagħna, is-Sur Mark Musù, għall-inizjattiva tiegħu, biex naraw li 'l quddiem ikun hemm ukoll komunikazzjoni aktar streamlined bejn iż-żewġ Ministeri. Tajjeb ngħid li dan diġà twettaq ma' Ministeri oħrajn. Hemm ukoll working group li issa reġa' beda jaħdem bejn il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Ministeru tal-Inklużjoni, u f'dan l-istess mudell jista' jkun hemm xi strutturi simili. Aħna tajna widen u diġà eskalajnieha sal-ogħla livell possibbli biex naraw li jista' jkun hemm dan iċ-channel.

Aktar minn hekk, nixtiequ wkoll li Għawdex jiġi inkluż fi strutturi domestiċi li għandna. Il-Ministru, fid-diskors tagħha tal-Baġit, semmiet li għandna l-ENGAGE. Dan huwa mudell tal-aħjar prattika, huwa kumitat tas-soċjetà ċivili li l-liġijiet u l-policies kollha jiġu mhux biss konsultati miegħu, imma jkunu parteċipi fihom persuni b'diżabilità meta jkun hemm xi liġi ġdida li tiġi diskussa f'Malta. Tkellimna u għandna direzzjoni ministerjali li jiżdiedu żewġ seats fuq l-ENGAGE għal Għawdex u diġà qed naħdmu fuq l-emendi legali f'dan ir-rigward. Inżidu wkoll li fil-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu jiżdied ukoll sottokumitat għal Għawdex.

Nixtieq insemmi tliet punti żgħar qabel ma nimxu 'l quddiem. Bħala parti mid-Direttorat aħna waqqafna wkoll struttura interministerjali fejn hemm il-Ministeri kollha rappreżentati. F'dak il-każ meta jkun hemm cross-cutting issues, pereżempju fuq trasport, ikun hemm rappreżentanti minn Ministeri differenti, fosthom il-Ministeri għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi. Ikunu involuti wkoll il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni kif ukoll il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat sabiex jiddiskutu l-affarijiet flimkien. Hemm ukoll il-Ministeru għal Għawdex, u aħna nixtiequ li issues li jqumu bħall-edukazzjoni u issues fejn jissemma Għawdex, inqajmuhom f'dan il-Kumitat. L-istruttura teżisti u tgħaddi wkoll minn strutturi oħrajn bħall-ENGAGE li semmejt. Allura b'hekk ridna li jkun hawn xi ħaġa streamlined biex jekk tqum xi ħaġa abbażi tar-rappreżentanti Għawdxin, aħna nkunu nistgħu niddiskutuha.

Hemm ukoll, kif semmejt, working group bejn il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat u l-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. Naf li qamu numru ta' punti u aħna se nqajmuhom ukoll bilateralment. Fil-fatt jien flimkien mas-Sa Rhoda Garland nhar il-Ħamis li ġej għandna laqgħa mad-Direttur Ġenerali tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u se nqajmu dawn il-punti wkoll.

Issemmew ukoll is-CDAU u ċ-Child and Young People's Services (CYPS) kif ukoll il-possibilità ta' one-stop-shop li ma jkunx ristrett biss għall-persuni b'diżabilità. L-informazzjoni li għandi s'issa hija li l-one-stop-shop li se jkun hemm se jkun għall-assessjar u d-dijanjosi tat-tfal inġenerali f'Għawdex, mhux biss għat-tfal b'diżabilità. Bħala Ministeru qegħdin f'kuntatt mal-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, kif ukoll mal-Ministeru għal Għawdex biex naraw li l-post ikun aċċessibbli u jagħtu wkoll taħriġ ħolistiku lill-istaff, inkluż tobba u professjonisti oħrajn f'dan ir-rigward. Kif għamilna dejjem, se ninvolvu persuni b'diżabilità fuq l-ENGAGE li issa se jkollkom rappreżentanti Għawdxin.

Fl-aħħar nett, nixtieq insemmi l-kwistjoni dwar in-nuqqas ta' data li ssemmiet ukoll dalgħodu. Aħna qegħdin naħdmu ma' esperti barranin biex nagħmlu data back-up exercise, sabiex naraw x'data hemm nieqsa f'Malta u Għawdex. Minn dak il-punt ta' tluq inkunu nistgħu nibnu reġistru nazzjonali biex id-data li ntalbet illum tkun disponibbli.

IS-SA PAULIANA SAID: Nixtieq nistaqsi rigward il-każ tal-ENGAGE. Inti laqqajtni mas-segretarja tal-Ministeru għal Għawdex imma sfortunatament din m'għandha saħħa ta' xejn, jiġifieri għalxejn noqgħodu nitkellmu fuq l-ENGAGE meta m'għandhiex saħħa! Jien għejejt nagħmel laqgħat! Kif għedt, ir-rappreżentant tal-Ministeru għal Għawdex li tattendi l-laqgħa tal-ENGAGE m'għandhiex saħħa, u allura huwa inutli li noqgħod nitkellem ma' xi ħadd li m'għandux saħħa. Dik hija l-problema. Inutli jkollna ħafna laqgħat!

DR ALISTAIR DE GAETANO: Nixtieq niċċara l-punt rigward l-ENGAGE għaliex m'hemmx rappreżentant tal-Ministeru għal Għawdex. Irridu nżommu quddiem għajnejna li l-ENGAGE huwa Civil Society Committee. Hemm kumitat interministerjali fejn hemm il-Ministeru għal Għawdex u hemm l-ENGAGE li huwa struttura tas-soċjetà ċivili jiġifieri hemm rappreżentanti mis-soċjetà ċivili minn oqsma differenti f'Malta, u issa wkoll f'Għawdex. Dawn huma marbutin bejniethom ħalli meta jqumu ċerti kwistjonijiet ikunu jistgħu jitressqu quddiem Ministeri differenti.

Il-kumitat interministerjali huwa xi ħaġa oħra. Aħna m'aħna qed nisforzaw lil ħadd però bl-istess mod li aħna rappreżentanti differenti minn Malta fuq kumitat tas-soċjetà ċivili kif ukoll fuq kumitat interministerjali biex iqumu ċerti issues, aħna din nixtiequ niftħuha wkoll ġewwa Għawdex. Fl-aħħar mill-aħħar jekk ir-residenti Għawdxin ma jixtiqux ikunu hemmhekk, jien ma nista' nisforza lil ħadd. Jien nemmen li m'għandux ikun hemm biss il-kumitat interministerjali. Ma jistax jgħaddi kollox mill-Ministru imma peress li hemm numru ta' kwistjonijiet li huma cross-cutting, aħna qed naħdmu ma' Ministeri differenti fuq trasport, fuq edukazzjoni kif ukoll fuq data u nixtiequ wkoll li leħen Għawdex ikun qiegħed hemmhekk. Però wara kollox ma nistgħu nisforzaw lil ħadd.

Jien laqqajtek mas-segretarja tal-ENGAGE dakinhar għaliex kienet ingħaqdet magħna f'dik il-laqgħa. Però jekk inti trid tmur direttament għand il-Ministru, ħadd mhu se jżommok milli tagħmel dan. Semmejna l-kumitat interministerjali imma jien inħoss li minflok li kull darba li tinqala' xi ħaġa mmorru dritt għand il-Ministru, naraw li jkun hemm mekkaniżmi differenti.

IS-SA PAULIANA SAID: Le, imma diretturi jeżistu fil-Ministeru. Jien mhux qed immur għand is-segretarju jew għand il-Ministru, imma hemm karigi oħrajn. Id-diretturi mhumiex interessati.

DR ALISTAIR DE GAETANO: Jekk jista' jintervjeni d-Direttur tagħna jkun aħjar għaliex hawn skorrettezzi kbar. Semmejt li laqqajtek mas-segretarja. X'inhi l-problema?

IS-SA PAULIANA SAID: Il-problema hija li s-segretarja m'għandhiex saħħa!

DR ALISTAIR DE GAETANO: Ippermettili! Mhux id-Direttur irid imur ikellem lill-Ministru!

IS-SA PAULIANA SAID: Diġà tkellimna magħha qabel ma laqqajtna int magħha u fejn konna bqajna.

DR ALISTAIR DE GAETANO: Xi tkellimt magħha?

IĊ-CHAIRPERSON: Nistieden lis-Sa Edwina Gouder biex tintervjeni. Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

Il-permess ingħata.

.

IS-SA EDWINA GOUDER (Senior Manager għad-Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità – Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat): L-ewwel nett nixtieq nispjega l-affarijiet kif jaħdmu għaliex jien immexxi l-kumitat interministerjali. Kull Ministeru għandu r-rappreżentant tiegħu li ġie magħżul mis-Segretarju Permanenti ta' kull Ministeru. B'hekk persuna li tiġi tkellimna tkun tista' tressaq l-affarijiet li jkunu qed jiġu diskussi f'dak il-kumitat għand is-Segretarju Permanenti tagħha. Issa jekk din il-persuna ma tiħux dak il-pass, hemmhekk se neħlu, u għandek raġun. Però kull persuna li jkun hemm preżenti trid tirrapporta lil xi ħadd fuqha; jista' jkun id-Direttur jew is-Segretarju Permanenti tagħha. B'dak il-mod qed

nimxu u din hija s-sistema interna fiċ-Ċivil, jiġifieri m'għandniex bżonn noqogħdu mmorru kull darba għand il-Ministru. Hemm is-Segretarju Permanenti li qed jieħu ħsieb u qed imexxi s-sistema fiċ-Ċivil ukoll.

IS-SA MARTHESE MUGLIETTE: Nixtieq ngħaddi ħsieb żgħir. Jien nifhem il-punti li qed tagħmel is-Sa Pauliana Said. Naħseb li l-NGOs u l-persuni b'diżabilità jridu jitkellmu ma' xi ħadd - u għalhekk aħna bħala Malta Federation of Organisations for Persons with Disability (MFOPD) qed ngħidu li għandu jkun hemm dan l-Advisory Committee - minn Għawdex li t-tnejn li huma qed jaraw is-sistema f'Għawdex kif qed timxi u qed jifhmu lil xulxin. Issa jekk dan il-kumitat interministerjali qiegħed taħt il-Ministeru, ir-rappreżentant ta' Għawdex min-naħa tal-Gvern għandu jkun hu li jiddiskuti ma' dak ta' Malta, għaliex naturalment il-fondi u l-Ministeri qegħdin ġewwa Malta. Imma jekk mhux se jkun hemm laqgħat one-to-one bejn il-persuni u l-NGOs tad-diżabilità ma' rappreżentant governattiv min-naħa ta' Għawdex, mhux se jimxu, għaliex kultant anke hawn Malta huma mwaħħlin l-affarijiet. Dan għaliex aħna mhux il-ħin kollu nkunu qegħdin hemmhekk.

DR ALISTAIR DE GAETANO: Ippermettuli niċċara xi ħaġa. Aħna qed nipprovaw naraw it-toroq kollha. L-ewwel ħaġa li semmejt – u semmejtuha intom ukoll u eskalajnieha mas-Segretarju Permanenti – kienet it-talba li jkun hemm xi ħaġa direttament mill-Ministeru għal Għawdex. Dik għamilnieha wkoll. Li qed ngħidu biss huwa – imma din tridu taċċettawha intom ukoll - li jekk diġà għandna strutturi fejn hemm Maltin biss, peress li m'hemmx Għawdxin, li huma interministerjali u li huma tas-soċjetà ċivili inġenerali, qegħdin nistednukom li tkunu fuqhom biex tkunu parteċipi fid-diskussjonijiet kollha nazzjonali li jsiru. Jiġifieri, aħna mhux qegħdin ngħidu li wieħed jeskludi lil ieħor. Fl-aħħar mill-aħħar ma nistgħu neskludu lil ħadd! L-aħħar darba, kien hemm is-segretarja magħna l-ewwel nett biex tieħu l-Minuti u t-tieni ma kien l-ebda diżrispett li kien hemm is-segretarja. Dakinhar f'dik il-laqgħa kien hemm id-Direttur, li qiegħed preżenti hawnhekk ukoll, kien hemm jien u kien hemm ukoll is-segretarja magħna. Aħna tkellimna dwar il-kwistjonijiet li ressaqtu u għamilna mistoqsijiet lilkom sabiex naraw kif nindirizzaw il-problemi tagħkom ħalli nirriżolvu l-affarijiet mill-aktar fis possibbli. Naħseb li aktar minn hekk ma jistax isir. Issa forsi jkun hemm min jgħid li l-karba dwar il-kwistjoni ta' Għawdex ilha hemmhekk ħafna imma ħadd m'għamel xejn.

IS-SA PAULIANA SAID: Jien magħkom naħdem tajjeb ħafna u hemm ħafna djalogu imma l-problema li għandi hija mal-Ministeru għal Għawdex. M'hemm djalogu ta' xejn għaliex jagħlqulna l-bieb f'wiċċna! Il-problema li għandna hija li aħna ta' kuljum irridu nħabbtu wiċċna mal-Ministeru ta' Għawdex.

DR ALISTAIR DE GAETANO: Nifhem il-punt tiegħek. Nassigurak li aħna min-naħa tagħna din ressaqnieha mill-ewwel imma ma nistax nitkellem f'isem il-Ministeru għal Għawdex.

IS-SA PAULIANA SAID: Ma nafx kemm-il darba nidħol il-Ministeru u jidħku f'wiċċi!

DR ALISTAIR DE GAETANO: Nistqarr miegħek li jien ma nistax nitkellem f'isem il-Ministeru għal Għawdex. Iva, inħoss il-weġgħa tagħkom u nista' ngħidlek li min-naħa tal-Ministeru għall-Inklużjoni din il-kwistjoni rajnieha mill-ewwel jiġifieri aħna se naħdmu biex tingħataw l-għajnuna meħtieġa. Nassigurak li m'hemm wegħdi ta' xejn, però l-messaġġ tagħkom mexxejnieh 'il quddiem. Aħna x-xewqa tagħna hija li kif ħdimna magħkom s'issa nkomplu naħdmu flimkien. Nammetti li min-naħa tagħna kien hemm bżonn ta' capacity building intern qabel ma estendejna għal Għawdex. Aħna rridu li jkun hemm ċerti channels, però din ġiet mgħoddija lil ta' fuq, tant illi l-Ministru hija konxja ta' din il-kwistjoni u hawn is-Segretarju Permanenti li qed jaħdem fuqha. Għalhekk il-kuntatt mhux se jieqaf wara din il-laqgħa. Naħseb li dan jista' jikkonfermah id-Direttur stess, li huwa preżenti wkoll. Dak li bdejna nixtiequ nkompluh għaliex aħna ma rridu nidħku b'ħadd!

Sinjura President, bil-permess tiegħek, naf li s-CEO tal-Aġenzija Sapport xtaq jitkellem fuq inizjattivi li hemm f'Għajnsielem. Barra minn hekk hawn l-Assistent Direttur tad-Direttorat tagħna - li hija wkoll minn Għawdex – li taħdem fuq Public Social Partnerships fejn jidħol il-Gvern. Nixtieq li hekk kif jagħti d-diskors tiegħu s-CEO, ikollna l-possibilità li nagħtu xi statistika dwar dak li għaddej min-naħa tal-Ministeru tagħna ġewwa Għawdex.

IĊ-CHAIRPERSON: Nixtieq nesprimi l-pjaċir tiegħi meta tressqu l-ilmenti ’l quddiem għaliex huwa tajjeb li nwassluhom imma lanqas huwa xieraq li naslu għall-konklużjonijiet żbaljati, daqslikieku mhu qed isir xejn! Ejjew inkunu korretti u realistiċi fil-ħidma tagħna. Nemmen li verament hemm bżonn li jsir aktar xogħol ġewwa Għawdex, imma li ma sar xejn hija idea żbaljata! Nieħu l-ħidma tal-Voice for Inclusion, bħala eżempju, għaliex kif taf sew is-Sa Pauliana Said, jien dejjem segwejt xogħolkom li huwa mitqlu deheb. Pereżempju, nista’ nsemmi kors li tħejja fis-sajf li seħħ bl-isforzi tal-ħidma tiegħek bħala President ta’ din l-NGO, kif ukoll bl-għajnuna u l-ħidma tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ministeru tal-Inklużjoni mmexxi mill-Ministru Julia Farrugia. Dan kollu ma kienx iseħħ li kieku ma kienx għall-għajnuna tagħhom għaliex dan il-kors huwa ta’ benefiċċju għall-Għawdxin. Jien nifhem li tkun omm ta’ persuni b’diżabilità. Din dejjem tkun tixtieq l-aħjar għal uliedha u tagħmlu sew li twasslu l-ilmenti tagħkom. Jien ħadt nota ta’ dawn l-ilmenti kollha li ressaqtu u se nressaqhom skont il-Ministeri konċernati. Se nara li jintbagħtu s-suġġerimenti, u nittama li jittieħdu l-passi meħtieġa b’mod immedjat. Filwaqt li tressqu ħafna suġġerimenti tajbin, jien nemmen li r-rieda tal-Gvern hija preżenti fil-ħidma kontinwa tiegħu.

Niġbdilkom l-attenzjoni għall-fatt li wara ċertu studju tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni li ġie mniedi mill-Gvern, is-suġġerimenti tagħkom jirriflettu dak li huwa propost għall-persuni b’diżabilità. Jiġifieri r-rieda li nwettqu t-titjib tal-edukazzjoni għall-persuni b’diżabilità hija waħda bla waqfien. Kif qal sew il-Ministru, din hija strateġija li rridu naraw l-implimentazzjoni tagħha flimkien. B’hekk huwa ta’ pjaċir li saret din id-diskussjoni għaliex jekk verament irridu nimxu f’dan is-settur, id-diskussjonijiet iridu jkunu maturi fejn huwa kruċjali li ma naqgħux f’politika ta’ aħmar jew blu mingħajr ma nkunu preġudikati għal kemm qed jitwettaq f’dan il-qasam. B’hekk huwa importanti ħafna li nkunu fattwali, realistiċi u nitkellmu b’mod skjett. Inżid ukoll li rridu nwasslu l-ilmenti fejn għandna nwassluhom. Napprezza li jkun hemm ir-rieda min-naħa ta’ min qed imexxi – fuq kollox naħseb li hemm ir-rieda – sabiex innaqqsu din il-lista li ddiskutejna llum u nitlob biex tittieħed azzjoni dwarha.

IS-SA BRYANNA SALIBA: Agreed! I would like to take this opportunity to speak on behalf of all persons with a disability, affirming that we don’t want pity! We demand action to be taken, and there is no better time than the present!

IĊ-CHAIRPERSON: Yes! It is for this reason that I shall reach out to the people responsible to take the necessary steps in order to address the issues we’ve discussed today. Hopefully, action will be taken!

IS-SA BRYANNA SALIBA: Of course! We are in desperate need of assistance, since this has been sought after for quite a while. It’s about time that something is done!

IĊ-CHAIRPERSON: Aktar rimarki? Is-Sur Oliver Scicluna.

IS-SUR OLIVER SCICLUNA: Nixtieq nagħti rendikont ta’ dak kollu li seħħ s’issa. Fl-aħħar mill-aħħar, l-entità li jien immexxi bdiet toffri s-servizzi tagħha fil-gżira ta’ Għawdex fl-2016. Qabel is-sena 2016 l-Aġenzija Sapport lanqas kienet teżisti fuq il-mappa ta’ Għawdex. Il-mistoqsija hija jekk sarx biżżejjed. It-tweġiba hija le! Jien inħossu dan in-nuqqas imma sadanittant qed isir xogħol! L-akbar nuqqas jinħass fejn jidħol capacity building ġewwa Għawdex, speċjalment id-diversi drabi li noħorġu calls u ħadd ma japplika - fosthom is-servizzi tal-komunità li aħna nipprovdu – u allura għandna nuqqas ta’ staff għaliex ma nsibux nies. Jekk nagħtu ħarsa lejn il-waiting lists fis-servizzi tagħna f’Għawdex tista’ tgħid li huma baxxi ħafna iżda dan ma jirriflettix ir-realtà kollha għaliex jista’ jkun li wħud min-nies ma jkunux jafu bis-servizzi.

Nieħu l-opportunità sabiex nindirizza lil Voice for Inclusion li huma preżenti fid-diskussjoni. Kif taf is-Sa Pauliana Said jien dejjem rajt kif naħdmu flimkien u nipprova nagħmel l-istess mal-għaqdiet l-oħrajn għaliex qed nipprova nżomm il-momentum għaddej. Huwa kruċjali li l-istakeholders involuti li joffru s-servizzi jkunu l-għaqdiet, minflok aħna bħala aġenzija nibnu dak kollu relatat ma’ capacity u headcount. B’hekk bħala aġenzija nkunu nistgħu nikkoordinaw is-servizzi aħjar – qed nirreferi għal fejn jidħol assessment min-naħa ta’ professjonisti - u din tkun aktar faċli, kemm għalina, kif ukoll għal kulħadd.

Nixtieq naġġornakom rigward il-ġnien, l-obstacle course, eċċ. Aħna bħala aġenzija qegħdin

naħdmu ma' Project Green fuq diversi proġetti f'Malta, u inkludejna lil Għawdex ukoll. Hemm ġnien, li taf bih is-Sa Pauliana Said u kienet lesta li tgħin fih, però fil-ġimgħat li ġejjin għandhom jiġu ta' Project Green biex jagħmlu site plan tiegħu u nkunu nistgħu nibnuh biex igawdi minnu l-pubbliku b'mod ġenerali. L-għan prinċipali ta' dan il-ġnien huwa li jagħti sens ta' sigurtà lill-persuni li jistgħu jiffrekwentawh. Dan se jkun qed jinfetaħ filgħodu u jingħalaq filgħaxija, però rriduh li jservi bħala sensory garden. Aħna qed ngħidu li jista' jkun qiegħed ma' Għajnsielem Learning Hub tagħna stess. L-għan ta' dak il-hub huwa li jiġu offruti numru ta' servizzi relatati mad-diżabilità u hemm irridu nwassluh. Aħna ninsabu xxurtjati li sibna lis-Sa Pauliana Said li tajnieha l-post li se jużawh tal-NGO u m'aħniex se nżommu kera għaliex fl-aħħar mill-aħħar aħna rridu ngħinu lill-NGO. Is-Sa Pauliana Said ħadet l-inkarigu li jitranġa l-post u din hija kollaborazzjoni tajba li nixtieq inkompli fuqha flimkien ma' NGOs oħrajn f'Għawdex.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Issa nistieden lis-Sa Rhoda Garland biex tintervjeni. Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

Il-permess ingħata

IS-SA RHODA GARLAND (Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità): Thank you. I would like to revisit a point made by Sa Pauliana Said regarding education. I have spent the vast majority of my time working on education cases, ever since I took up this post over a year ago, and frankly I think that action must be taken forthwith rather than mere discourse. This matter requires follow-up action, since there are favourable strategies that have inclusive policies for education, yet they are not in place as yet which, regrettably is a worry. I come across many concerned parents whom are perplexed about their children's education, which frankly I think is one of the utmost concerns raised. I meet with the Director General in Malta for Education on a monthly basis, give or take, with parents to try and sort out issues that they're having with their children. Moreover, with reference to what Dr Alistair Saviour De Gaetano stated earlier, we shall be meeting with the Heads of College Principals and the Director General to try to examine these issues. I would like to ascertain our position concerning our commitment to resolving the present issues at hand.

DR ALISTAIR DE GAETANO: I shall frame this in English for the benefit of all committee members. With reference to what I had discussed earlier, there is a Joint Working Group on Inclusion and Education between our Ministry, the Ministry for Inclusion and the Education Ministry. There are civil society seats within it, including the MFOPD (Malta Federation of Organisations Persons with Disability) as the National Disability Federation. We may also proceed to explore matters with the Ministry of Education which may I remind you is the lead ministry in charge of this matter alongside us, similar to this working group. It is the lead ministry with us, the Gozo representation. However, for the time being – of course taking into account any change that may occur - I do encourage you to channel any concerns you may have through us, or else through your own NGO representatives, especially through the established structures within the National Federation. We shall proceed with this matter soon after with the Director General.

IS-SA BRYANNA SALIBA: I would also like to point out the lack of activities in Gozo. There should be different activities organised on a regular basis, all of which should be adapted for every specific interests involving: adaptive computer courses, adaptive drama, and anything of interest from any job trained should be made available to all.

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. Aktar rimarki? Is-Sa Pauliana Said.

IS-SA PAULIANA SAID: With all due respect, you've made mention of educational adaptive courses, when our organisation is not even involved. You are only picking some persons because I wasn't made aware. It's a recurring issue, one which involves group of persons and no further action is taken! What about the other issues? That's the problem we face!

I have to deal with my own issues, and I'm tackling them single-handedly with no outside assistance. These matters need to be included. A music centre was recently opened, yet I wasn't invited, nor made aware of it for that matter! The problem is that the NGOs in Gozo are not being included, especially within the education committee. Why are we not included? You ask us about other issues. However, the problem is that if I tell you my issues there is no guarantee that

you won't repeat them in the same manner, because sometimes having a direct contact is better than being put through different people altogether. Have I made myself clear?

IS-SA RHODA GARLAND: I personally think that whenever we listen to peoples' problems we seek to address them all, and by no means would we address somebody in Gozo differently to somebody in Malta. The working group is something that the Ministry, the DDI (Directorate for Disability Issues) would be able to get a representation outside my remit. I can assure you it is one that we take. Moreover, when we resolve an issue we do ensure that they understand that this is not specifically geared towards a particular parent, yet this principle has to be passed along. Moreover, I shall be meeting with the Heads of College Principals on Thursday to discuss the matter concerning getting repeated cases involving children from being excluded. Such an issue has to stop!

IS-SA PAULIANA SAID: May I suggest that we establish contact, now that we know each other well? I shall keep in touch with you via email disclosing all the necessary points of discussion. However, keep in mind that we need to be included, otherwise the problem will remain unresolved! I cannot handle this matter single-handedly! Moreover, education is the same across the board.

IĊ-CHAIRPERSON: Aktar rimarki? (Onor. Membri: No)

Jidher li m'hawnx aktar rimarki u b'hekk se nikkonkludi din il-laqgħa. L-ewwel nett, nerġa' nsostni li rridu naraw li jekk verament irridu naraw bidla, neħtieġu li nitkellmu b'mod matur, b'mod kritiku, bħalma għamilna llejla, u nwasslu l-affarijiet fejn għandhom jiġu mwassla. Xtaqt li kien hawn rappreżentant tal-edukazzjoni għaliex milli jidher kien hawn ħafna kwistjonijiet dwar il-qasam tal-edukazzjoni.

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Mhux nuqqas min-naħa tagħhom iżda huwa nuqqas għalikom.

IĊ-CHAIRPERSON: Le, mhux nuqqas min-naħa tagħhom. Id-diskussjoni kienet se tkun dwar il-persuni b'diżabilità ġewwa Għawdex. Però nista' nistieden lil kull settur sabiex niddiskutu s-suġġett dwar il-persuni b'diżabilità għaliex dan tant huwa suġġett vast li naħseb li llum qegħdin taraw l-aktar kumitat bl-akbar attendenza li qatt kellna kemm ilna nagħmlu l-kumitati għal Għawdex. Qed nieħu pjaċir bil-preżenza ta' ħafna minnkom. Huwa suġġett li jiġbor ħafna temi fih u jinvolvi kwalunkwe settur, għaliex il-persuni b'diżabilità għandhom jiġu inklużi. Din id-diskussjoni tmiss ma' kull Ministeru. Li nista' nagħmel huwa li niġbor il-punti kollha li ssemmew f'din id-diskussjoni u nwassalhom għand il-Ministeri konċernati, bis-suġġerimenti li waslulna llejla. (Interruzzjonijiet) Iva, 'il quddiem nistgħu nlaqqgħu kumitat dwar l-edukazzjoni f'Għawdex.

Nikkonkludi din il-laqgħa tal-lum billi nirringrazzjakom għall-preżenza tagħkom hawnhekk. Nirringrazzjakom ukoll tal-ħidma tagħkom fi ħdan dan is-settur. Nieħu pjaċir nara wkoll persuni b'determinazzjoni li ma jaqtgħux qalbhom għaliex huwa tajjeb li jkollna vuċijiet sodi f'dan is-settur. Jien ma niddejjaqx nisma' l-kritika, u huwa kruċjali li jkollna diskussjoni sana għaliex jekk ma jintqal xejn, ma jsir xejn. Jiġifieri, tajjeb li jkun hawn nies bħalkom li jwasslulna dawn il-kummenti jew suġġerimenti, u fejn nistgħu ntejbu, ntejbu. Min-naħa tiegħi se ngħaddi l-kummenti u s-suġġerimenti li għamiltulna llejla lill-Ministeri konċernati. Nirringrazzjakom mill-ġdid li kontu preżenti u tal-ħidma tagħkom fi ħdan is-settur .

Għaldaqstant, sakemm m'hawnx xi punti oħrajn li tixtiequ tqajmu, se nibgħat email lill-Membri ta' dan il-Kumitat biex nara meta se tkun il-laqgħa li jmiss u x'se tkun it-tema li jmiss, għaliex din ma nistax niddeċidiha waħdi. Irid ikolli qbil min-naħa ta' dan il-Kumitat.

Grazzi lil kulħadd kif ukoll lil min kien qiegħed isegwina llejla.

Fis-6.32 p.m. il-President tal-Kumitat aġġornat għal data li kellha tiġi komunikata aktar 'il quddiem.